MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2007

Numru 844/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Anthony Portelli)**

**V**

**Tarek Mahmoud Abou Mehdi ta' 30 sena**
**Bin Mahmoud u Suwat nee Irtemi,**
**Imwieled il-Libja nhar l-4/12/1975,**
**Residenti Blokk I, Bieb B, Flat No, 4,**
**Triq Francesco Balbi, San giljan, detentur**
**ta' passaport Libjan bin-numru 405492**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Tarek Mahmoud Abou Mehdi (1) akkuzat talli nhar il-31 ta' Dicembru, 2005

f’xi hin bejn il-11.00 a.m. u 2.45 p.m. gewwa Ta’ Xbiex, ikkommetta serq mir-residenza sitwata fi Blokk A1, Flat 4, Triq Watar Ta’ Xbiex, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm 1000, bil-lok u bil-mezz, u dan sar ghad-detriment ta’ Mark Grixti minn Ta’ Xbiex;
(2) kif ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-Lm 10 izda inqas minn Lm 50, u dan ghad-dannu tad-diretturi ta’ l-imsemmi Mark Grixti;
(3) Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Dr Noel Cuschieri LL. D. datata 19 ta’ Gunju, 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali ai termini ta’ liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija u cioe:

(a) 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281 tal-Kapitlu 9
(b) 325(1) tal-Kapitlu 9
(c) 49 u 50 tal-Kapitlu 9
(d) 532A, 532B, 533 tal-Kapitlu 9

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, moqrija l-istess artikoli.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid tippremetti illi l-artikoli hawn fuq imsemmija mibghuta mill-Avukat Generali, gew hekk mibghuta fit-30 ta’ Jannar, 2007 (fol 106). Fis-seduta tad-9 ta’ Frar, 2007, l-Ufficjal Prosekutur ghazel li jzid l-akkuza billi addebita wkoll l-artikoli 289 tal-Kapitlu 9 kontra l-akkuzat. Pero’ din iz-zieda saret wara li hargu l-imsemmija artikoli u ghalhekk ma gietx inkluza fl-istess, ghaldaqstant ma tista’ qatt tigi nkluza ma’ l-artikoli gia mibghuta mill-Avukat Generali.

Dak premess semghet il-provi prodotti, rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjonijiet,

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza tirrigwarda serqa li saret mill-propjeta' tal-konjugi Grixti, fost l-affarijiet ohra misruqa, il-malviventi seraq ukoll mobile tal-marka Samsung, dan appartenenti lil Natasha Grixti.

Insterqu affarijiet ohrajn ta' gojjellerija li mill-istima moghtija mill-konjugi certament jeccedu l-elf lira Maltin.

Skond Mark Grixti saritlu wkoll hsara fil-bieb, li gie sgassat, versu l-ammont ta' hamsin lira Maltin.

Kien dan il-mobile li wassal biex Tarek jigi akkuzat bl-akkuzi lilu addebitati.

Fil-fatt saret inkjesta dwar din is-serqa u gie mahtur ghal dan l-iskop l-espert Martin Bajada.

Ghandu jinghad ukoll illi fil-lokalita' misruqa nstabet gazzetta bil-lingwa Gharbija li fuqha saru ezamijiet ghall-impronti digitali komparattivi fl-atti ta' l-inkjesta mill-espert Joseph Mallia, komparati bejn dawk elevati minn fuq l-istess gazzetta u dawk ta' l-imputat odjern. Fil-fatt dan l-ezami komparattiv skond l-espert Joseph Mallia ta s-segwenti rizultat u cioe fuq il-gazzetta bil-lingwa Gharbija (parti minnha Dok 05EAW301), instab marka ta' sebgha tan-nofs ta' l-id il-leminija ta' l-imputat (vide Proces Verbal u relazzjoni ta' l-istess Joseph Mallia).

Min-naha tieghu Martin Bajada gie nominat biex jezamina mobile tal-marka Samsung. Fil-fatt gara li wara li sar l-ezami komparattiv imsemmi l-Ufficjal Investigattiv baghat ghall-imputat u minghandu fittex parti mir-res furtiva. Fil-fatt kienet omm mart l-akkuzat li tat lill-puliijza dan l-istess mobile li sabet. Fil-fatt Deborah Bugeja omm il-mara ta' l-imputat, cioe omm Abigail, xehdet li l–pulizija kienu kellmuha fuq mobile iswed. Qalet li taf li dan il-mobile kien ta' bintha Abigail. Wara li ccekkjat f'xi kexxun tal-kamra ta' bintha sabet mobile iswed, liema mobile nizzlitu ghand il-pulizija d-depot. Tat dan il-mobile lill-

Ispettur Portelli. Gharfet ghalhekk id-dokument TA2 li kienet l-ircevuta rrilaxxata lilha fuq l-istess cellulari. F'dak il-hin li kienet irrendiet il-mobile f'idejn l-ispettur prosekutur, l-omm kellha zewg uliehda bniet, Abigail u ohtha Janice Bugeja mizmuma gewwa d-depot.

Fil-fatt Janice Bugeja xehdet illi hi kienet tigi oht Abigail u li ghandha rat mobile iswed u talbitha biex issellifulha.

Abigail Bugeja min-naha taghha xehdet in difesa. Qalet li l-mobile kien gie ghandha wara l-ewwel tas-sena u li Tarek kien talabha Lm 40 ghax ried jixtri mobile. Tathomlu u gabilha mobile bic-charger b'kollox.

Ziedet li gabilha linja u li dik kienet l-istorja kollha. Pero' qalet ukoll li xi hmistax il-gurnata wara dan il-mobile kien illokkja u haditu ghand il-Go Mobile il-Belt. Dwar il-fatt li dan kellu is-serial number imhassar tghid li ghal dan il-fatt hija ma tatx kaz.

Is-succint tax-xhieda ta' Natasha Grixti, Janice Bugeja u Abigail Bugeja hija mportanti in kwantu ghal dak li kkonkluda l-espert Martin Bajada. Ghalhekk fid-dokument MB redatt mis-Sur Bajada jirrizulta illi c-cellulari Samsung (dak li gie ritornat minn Doreen Bugeja u misruq minghand il-konjugi Grixti) ntuza minn erba' abbonati tal-Go – Natasha Grixti (d-derubata), Diane Gatt persuna mhux identifikata u Janice Bugeja. Jigi wkoll sottolineat illi l-mobile Samsung misruq kellu l-IMEI numru tieghu ngassat u olterat.

Issa l-fatti li l-mobile ezaminat kien misjub ghand Abigail Bugeja (mara jew gharusa ta' l-akkuzat) minn ommha, kien uzat minn oht Abigailu d-derubata, anke bl-IMEI number mibdul, ma jhalli ebda dubju f'mohh din il-qorti ili dak ezaminat huwa l-mobile misruq li spicca ghand Abigail Bugeja.

Min-naha tieghu l-akkuzat Tarek Mohammed fit-tieni stqarrija minnu rilaxxata spjega l-fatt illi nstabet impronta digitali tieghu billi qal illi hu dakinhar kien iltaqa' ma' certu Masoud hdejn id-Detox, dan kellu gazzetta Gharbija

f'idejh, Tarek qara ftit minn din il-gazzetta. Jghid li dan ir-ragel qisu kellu xihaga fi hziemu. Jghid li halla l-gazzetta hdejn il-handbrake u Masoud hadha mieghu. Hawn ma qal xejn dwar il-provenjenza tal-mobile misjub ghand martu Abigail, parti mir-res furtive u lanqas dwar il-fatti li l-mobile kellu l-IMEI number mibdul.

Viva voce Tarek bidel il-verzjoni tieghu taht gurament. Hawn xehed li kien hu li flimkien ma' habib tieghu xi gurnata tal-gimgha, gurnata ta' talb, marru l-Moskea u minn hemm kien hu li ha gazzetta Gharbija. Hawn jghid li dan il-habib Masoud qallu li kellu mobile tad-ditta Samsung li ried inehhi u talbu Lm 160, tah Lm 140, jghid li dak il-hin fuqu kellu biss Lm 40. Xtrah u tah rigal il-mara tieghu. Dwar il-gazzetta jghid li kien hu li taha lil dan Masoud.

Ikkonsidrat

Illi certament din il-Qorti tkun retorika jekk tippuntwalizza l-vertenzi bejn iz-zewg verzjonijiet li ghogbu jaghti l-akkuzat, kemm ta' kif gie ghandu l-mobile u aktar u aktar ta' kif spiccat impronta ta' subghajh fuq il-gazzetta. Pero' jinsa l-akkuzat illi anke kieku titwemmen wahda mill-invenzjonijiet tieghu li l-gazzetta instabet fil-fond misruq dakinhar li l-istess fond gie misruq u konsegwentement insteraq il-mobile li hu ta bhala rigal lil martu – ghalhekk qatt ma setgha l-ewwel xtara l-mobile minghand Masoud meta l-gazzetta kienet ghadha fil-prezenza tieghu!!!

Dan qed jinghad tentu kont tal-fatt illi l-konjugi Grixti rrapurtaw sgass u serq wiehed biss!!

Ghaldaqstant qed issib lil Tarek Mahmoud Abou Mehdi hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan ai termini ta' l-artikolu 261 et seq u 325(c).

Rat is-sentenzi esebiti fir-rigward tar-recidiva.

Rat il-fedina penali refrattarja ta' l-akkuzat. Rat ukoll l-artikolu 17(b) tal-Kapitlu 9.

Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------